**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2021**

**<u>Rikors nru: 34/2021 AGV ;</u>**

**AB**

**vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 26 ta' Jannar 2021, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-partijiet zzewgu fid- 9 ta 'Lulju 2005 minn daz-zwieg ma kien hemm ebda ulied;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment seperati b' kuntratt redatt min-nutar Dr. Joseph Debono fis-26 ta' Lulju 2011 (Ara Dok 1, anness);
3. Illi m' hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-parijiet stante illi minbarra, li ihom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja

totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtet ma' persuni ohrajn;

4. Illi m' hemm ebda manteniment dovut minn xi parti versu l-ohra u dana stante illi huma kienu rrinzunjaw ghall-manteniment fuq il-kuntratt tas-seperazzjoni;
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-artikolu 66 B, tal-Kodici Civili, Kap .16 tal-Ligjiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant,** l-esponenti jitlob umilment lil dina Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tippronuznja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imhohli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li fis-seduta tas- 16 ta' Frar 2021 deher il-konvenut li iddikjara li m' ghandux oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**